MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 735/2004

**Grazio, Carmel, Mario, John u Paul ahwa Magro ezercenti n-negozju Firm Michael Magro**

**Vs**

**Carmel Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm727.39c (seba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fit-13 ta' Frar, 2003 u drabi qabel.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Anthony Cutajar li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm727.39c (seba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u tletin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------